MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 781/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas-socjeta estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jennifer Bonello u l-istess Jennifer Bonello**

**Vs**

**Vincent Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u erbgha liri Maltin u erbghin centezmu (Lm604.40) (Lm554.40 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attrici Jennifer Bonello Cole), minnhom imhallsa bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh l-Msida fis-7 ta' Settembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru DAF 159 huwa habat mal-vettura bin-numru AAO 979, propjeta ta' l-attrici

Jennifer Bonello Cole u misjuqa minnha, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 7) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fis-7 ta’ Settembru 2000 sehh incident tat-traffiku gewwa Ix-Xatt Ta’ Xbiex, Msida. Fl-incident kienu novluti l-vettura tat-tip Opel Corsa (AAO 979) li kienet qeghda tinstaq mill-attrici u trukk Leyland (DAF 159) misjuq mill-konvenut.

2. Il-verzjoni moghtija mill-partijiet ta’ kif sehh l-incident huma opposti ghal xulin. Jirrizulta li z-zewg vetturi riedu jiksru fuq ix-xellug biex jidhlu f’Rue d’Argens. It-trukk misjuq mill-konvenut kellu l-vettura ta’ l-attrici fuq ix-xellug tieghu.

3. Wara li t-Tribunal qies il-provi prodotti, jemmen li l-verzjoni moghtija mill-attrici hija iktar verosimili. Fil-fatt irrizulta li:

(a) Iz-zewg vetturi riedu jiksru fuq ix-xellug taghhom. Il-vettura Opel Corsa ma kellha l-ebda skop li tigbed ghal fuq il-lemin taghha ladarba riedet tikser fuq ix-xellug;

(b) Il-konvenut stess xehed li fil-hin li sehh l-incident kellu l-indicator mixghul. Huwa kkonferma li xi hmistax-il pied wara li qala’ minn fuq it-*traffic lights*, kien xeghel l-indicator biex jaghti sinjal li ried jikser fuq ix-xellug tieghu.

(c) Fl-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 14) u li l-partijiet qablu mieghu, it-trukk li kien qieghed isuq il-konvenut jidher ftit angolat lejn ix-xellug. Il-konvenut xehed li ma' l-impatt il-vetturi waqfu. Dan jaghti wiehed x'jifhem li kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut fil-hin ta' l-incident kien beda jaqsam ghall-karreggjata li minnha kienet ghaddejja l-attrici.

4. It-Tribunal jikkonferma li l-fatt li sewwieq jixghel l-indicator, ma jfissirx li dak is-sinjal jaghtih xi dritt li jbiddel il-karreggjata x'hin u kif irid minghajr ma jzomm *proper lookout*. Is-sewwieq ghandu jaccerta ruhu li jista' jibda u jikkompleta l-manuvra li jrid jaghmel minghajr ma jkun ta' ostakolu ghas-sewwieqa fil-karreggjati l-ohra. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-gurisprudenza:

- *"is-sinjali li tati persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal road users ohra"* (App. Kriminal – **Pulizija vs J. Busuttil** deciza fid-29 ta' Novembru 1958).

- *"hemm bzonn li s-sinjali jsiru fil-hin u fil-lok opportune biex jistghu jkollhom l-effett taghhom"* (App. Kriminali – **Pulizija vs G. Sapiano** – Vol. XXXIX.iv.558).

- *"il-fatt li wiehed johrog l-indicator ma jaghtihx li jaghmel li jrid"* (Vol. XXXVIII.iv.868).

- *"Min johrog indicator, ikun qed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indicator, jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-rule of the road favur tieghu"* (Vol. XXXVII.iv.868).

*"The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can, that they have been understood"* (Gibb, *Trial of Motor Car Accident Cases* Sec. 101 – li saret riferenza ghalih fil-kawza **J. Debattista vs A. Caruana** deciza fil-11 ta' Dicembru 1972). Huwa cjar ghalhekk li ghalkemm is-sinjal ifisser li tkun l-

intenzjoni tad-driver li jaqsam, dan mhux bizzejjed biex hu jkun jista’ jaqsam.

5. Fir-rigward tal-quantum tad-danni rekalmati, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati u f’kull kaz ma gewx ikkontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u erbgha liri Maltin u erbghin centezmu (Lm604.40) (Lm554.40 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attrici Jennifer Bonello Cole), stante li huwa responsabli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-Msida fis-7 ta’ Settembru 2000.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------